**STQARRIJA STAMPA:**

**It-Twettiq tal-*Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-irġiel tal-Kunsill tal-Ewropa 2018 – 2023,* Seminar tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE)**

"*Anki jekk il-progress huwa viżibbli u l-istatus legali tan-nisa fl-Ewropa bla dubju ttejjeb matul l-aħħar snin, l-ugwaljanza effettiva bejn in-nisa u l-irġiel għadha mhix realtà*" tiddikjara l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-iRġiel tal-Kunsill tal-Ewropa 2018 – 2023. L-impenn dejjem jiżdied għall-kisba bis-sħiħ tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ġie indirizat matul seminar tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE).

Is-seminar iffoka fuq fejn tinsab Malta rigward l-għanijiet tal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel tal-Kunsill tal-Ewropa 2018 – 2023 u l-passi meħtieġa għall-mixja 'l quddiem f'dan il-qasam. L-istrateġija tindirizza l-ostakli ewlenin li qed ixekklu l-kisba tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u hija marbuta mal-viżjoni u l-qafas tal-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa, inkluż Malta. Is-sitt objettivi strateġiċi jiffukaw fuq il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-isterjotipi bejn in-nisa u l-irġiel u s-sessiżmu; il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika; l-aċċess ugwali għan-nisa għall-ġustizzja; il-bilanċ fil-parteċipazzjoni tan-nisa u l-irġiel fit-teħid ta' deċiżjonijiet fl-oqsma politiċi u pubbliċi; il-protezzjoni tad-drittijiet ta' nisa u tfal migranti refuġjati u li qed ifittxu ażil; u l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki u l-miżuri.

Il-Ministru tal-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza, l-Onorevoli Dr Helena Dalli indirizzat is-seminar u saħqet li l-għan ewlieni tal-Istrateġija tal-Kunsill tal-Ewropa, il-kisba tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, hija filfatt prijorità għal Malta. Il-Gvern huma kommess biex ikompli jimplimenta iktar miżuri biex jissalvagwardja l-opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel, kif ukoll isaħħaħ il-qafas legali dwar l-ugwaljanza biex ikun żgurat li din tiġi implementata fil-ħajja ta' kuljum ta' kulħadd.

Il-Ministru Dalli saħqet li l-inzjattivi varji li wettaq il-gvern fis-snin li għaddew isaħħu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u huma għalhekk konformi mal-objettivi tal-istrateġija tal-Kunsill tal-Ewropa. B'mod partikulari, sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni u l-prevenzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa, *l-Att dwar il-Vjolenza abbażi Ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika* ġie adottat biex il-proviżjonijet tal-Konvenzjoni ta' Istanbul ġew infurzati bħala parti mil-Liġijiet ta' Malta. Minn barra dan, ġie mniedi l-Kunsill tad-Drittijiet tan-Nisa biex ikun hemm djalogu aħjar bejn il-gvern u s-soċjetà ċivili għat-tisħiħ tad-drittijiet tan-nisa. Kif ukoll, il-*Migrant Integration Strategy and Action Plan* imniedi fl-2017 jiżguraw li l-imigranti jitgħallmu dwar il-valuri tal-pajjiż, l-istandards u l-kultura, li huma kruċjali għall-integrazzjoni strutturata tan-nisa u l-irġiel fis-soċjetà.

Il-Kummissarju tal-NCPE Renee Laiviera fetħet is-seminar billi ffukat fuq l-importanza tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif definita mill-Istrateġija tal-Kunsill tal-Ewropa. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel tfisser drittijiet, viżibbiltà, għoti tas-setgħa, responsabbiltà u parteċipazzjoni ugwali għan-nisa u l-irġiel fl-isferi tal-ħajja pubblika u privata. Minkejja l-progress sinifikanti f'dan il-qasam, id-differenzi

bejn il-ġeneri, l-ostakoli strutturali, d-diskriminazzjoni u l-vjolenza jippersistu u jxekklu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Is-Sra Laiviera saħqet kif l-NCPE hija kommessa li tkompli taħdem biex isaħħaħ l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u biex tindirizza l-ostakoli li baqa'. L-NCPE tinvestiga lmenti ta' allegat diskriminazzjoni, taħdem biex tippromwovi l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru fil-politiki u l-programmi, u tqajjem kuxjenza permezz ta' kampanji u inizjattivi differenti, li jinkludu d-Direttorju ta' Nisa Professjonali u l-Equality Mark. NCPE bdiet taħdem ukoll fuq proġett ġdid *Preparing the Ground for Economic Independence (PGEI)* fejn se jiġu indirizzati differenzi bejn in-nisa u l-irġiel tul il-ħajja fil-paga u fil-pensjonijiet.

F'messaġġ permezz ta' vidjo, is-Sra Gabriella Battaini-Dragoni, id-Deputat Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, introduċit l-Istrateġija dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Wara dan il-messaġġ ġiet preżentata analiżi kritika fuq is-sitwazzjoni ta' Malta rigward l-objettivi tal-istrateġija tal-Kunsill tal-Ewropa minn diversi kelliema, fosthom: Dott. JosAnn Cutajar, Dott. Marceline Naudi, Dott. Lara Dimitrijevic, Prof. Carmen Sammut, Dott. Katrine Camilleri[1] u l-Kummissarju tal-NCPE Renee Laiviera. L-istat attwali rigward dawn l-objettivi strateġiċi, l-ostakoli pendenti u l-miżuri meħtieġa kienu diskussi wkoll mal-parteċipanti f'*workshops*.

Punti rilevanti li qamu matul il-*workshops* se jiġu kkunsidrati mill-NCPE bħala parti mill-proċess ta' konsulatazzjoni regolari biex tissaħħaħ il-ħidma lejn l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'Malta.

Għal iktar informazzjoni tistgħu żżuru www.equality.gov.mt

**Il-Ħamis 4 ta' Ottubru 2018**

[1] Dott. JosAnn Cutajar, Dott. Marceline Naudi, u Prof. Carmen Sammut – Università ta' Malta. Dott. Lara Dimitrijevic – Women's Rights Foundation. Dott. Katrine Camilleri – Jesuit Refugee Service.